

Brussell, 18 ta' Lulju 2022  
(OR. en)

11492/22

EF 215  
ECOFIN 745  
DELECT 128

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 4841 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 13.7.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-immaniġġjar ta' portafolli individwali ta' self minn fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, li jispeċifikaw l-elementi tal-metodu għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu, l-informazzjoni dwar kull portafoll individwali li għandha tiġi żvelata lill-investituri, u l-politiki u l-proċeduri meħtieġa fir-rigward tal-fondi ta' kontinġenza

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 4841 final.

Mehmuż: C(2022) 4841 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 13.7.2022  
C(2022) 4841 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 13.7.2022**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-immaniġġjar ta' portafolli individwali ta' self minn fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, li jispeċifikaw l-elementi tal-metodu għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu, l-informazzjoni dwar kull portafoll individwali li għandha tiġi żvelata lill-investituri, u l-politiki u l-proċeduri meħtieġa fir-rigward tal-fondi ta' kontinġenza**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. IL-KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 6(7) tar-Regolament (UE) 2020/1503 (“ir-Regolament”) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta, wara l-preżentazzjoni tal-abbozzi tal-istandards mill-Awtorità Bankarja Ewropea (European Banking Authority, EBA), u f’konformità mal-Artikoli 10 u 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, atti delegati li jispeċifikaw:

- (a) l-elementi, inkluż il-format, li għandhom jiġu inklużi fid-deskrizzjoni tal-metodu għall-valutazzjoni tar-riskju ta’ kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);
- (b) l-informazzjoni dwar kull portafoll individwali kif imsemmi fl-Artikolu 6(4); u
- (c) il-politiki, il-proċeduri u l-arranġamenti ta’ organizzazzjoni li l-fornituri ta’ servizzi ta’ finanzjament kollettiv irid ikollhom fis-seħħ fir-rigward ta’ kwalunkwe fond ta’ kontinġenza li jistgħu joffru kif imsemmi fl-Artikolu 6(5) u fl-Artikolu 6(6).

F’konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jstabbilixxi l-EBA, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi l-abbozzi ta’ standards jekk tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista’ wkoll tapprova l-abbozzi tal-istandards parzjalment biss, jew b’emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jeżiġu dan, filwaqt li titqies il-proċedura speċifika stipulata f’dawn l-Artikoli.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL MA JIĠI ADOTTAT L-ATT**

Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz ta’ standards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni f’konformità mal-Artikolu 6(7) tar-Regolament (UE) Nru 2020/1503 (“ir-Regolament”). Fl-4 ta’ Ġunju 2021 ġie ppubblikat dokument ta’ konsultazzjoni fis-sit web tal-EBA, u l-konsultazzjoni nġhalqet fl-4 ta’ Settembru 2021. Barra minn hekk, l-EBA ħadmet f’kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA, u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f’konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Flimkien mal-istandards tekniċi abbozzati, l-EBA ppreżentat spjegazzjoni dwar kif tqies l-eżitu ta’ dawn il-konsultazzjonijiet fl-iżvilupp tal-istandards tekniċi abbozzati finali li ġew ippreżentati lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-istandards tekniċi abbozzati, u f’konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA sottomettiet il-valutazzjoni tal-impatt tagħha, inkluż l-analiżi tagħha tal-kostijiet u l-benefiċċji relatati mal-istandards tekniċi abbozzati u sottomessi lill-Kummissjoni. Din l-analiżi hija disponibbli fuq <https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/consumer-protection-and-financial-innovation/regulatory-technical-standards-individual-portfolio-management-loans-offered-crowdfunding-service>, paġni 29–35 tar-Rapport Finali dwar l-istandards tekniċi abbozzati.

### **3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

L-istandards tekniċi abbozzati jispeċifikaw l-elementi li l-fornituri ta’ servizzi ta’ finanzjament kollettiv, li joffru ġestjoni tal-portafoll individwali ta’ self, għandhom jiżvelaw lill-investituri fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-metodu użat biex jiġi vvalutat ir-riskju i) ta’ proġetti ta’ finanzjament kollettiv individwali magħżula għall-portafoll tal-investitur; ii) fil-livell tal-portafoll tal-investitur; iii) tad-detenturi tal-proġett magħżula għall-portafoll tal-investitur, f’konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament. F’dan ir-rigward, l-istandards tekniċi abbozzati jirrikjedu li l-investituri jiġu infurmati li dawn il-metodi huma xierqa għall-

kumplessità u l-livell tar-riskji sottostanti għall-proġetti uniċi u/jew għall-portafolli, fuq il-bażi ta' *data* robusta u validazzjoni perjodika.

Minbarra dan, l-istandards tekniċi abbozzati jiddefinixxu l-informazzjoni li l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv iridu jiddivulgaw lill-investituri fir-rigward tal-elementi kollha inklużi fl-Artikolu 6(4) u li jirreferu għal bosta karatteristiċi ewlenin ta' kull portafoll individwali, inkluża informazzjoni rilevanti dwar kull selfa individwali li portafoll huwa magħmul minnha.

Billi l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jaf jiddeċiedu li jstabilixxu fond ta' kontinġenza għall-attività tagħhom relatata mal-immaniġġjar ta' portafolli individwali ta' self f'konformità mal-Artikolu 6(5) u 6(6) tar-Regolament, l-istandards tekniċi abbozzati jispeċifikaw ukoll il-politiki li l-pjattaforma ta' finanzjament kollettiv irid ikollha fir-rigward ta' fondi ta' kontinġenza, biex jiġi żgurat li l-fondi ta' kontinġenza jkollhom arranġamenti ta' governanza u proċeduri adegwati fir-rigward tal-ġbir ta' tariffi u tal-iżborż ta' ribassi.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.7.2022

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-immaniġġjar ta' portafolli individwali ta' self minn fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, li jispeċifikaw l-elementi tal-metodu għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu, l-informazzjoni dwar kull portafoll individwali li għandha tiġi żvelata lill-investituri, u l-politiki u l-proċeduri meħtieġa fir-rigward tal-fondi ta' kontinġenza**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Meta jinvestu f'portafoll ta' self offrut minn fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, l-investituri ma jagħżlux il-proġetti li fihom se jinvestu l-fondi tagħhom, imma jagħżlu għadd ta' parametri u indikaturi tar-riskju u jħallu f'idejn il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament biex jalloka l-fondi kif xieraq. Għaldaqstant, il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jiżvela l-livelli xierqa ta' informazzjoni lil investituri prospettivi u attwali, biex ikun possibbli li dawn l-investituri jkollhom biżżejjed għarfien dwar ir-redditi u r-riskji tal-proġetti u jieħdu deċiżjonijiet informati.
- (2) Sabiex titnaqqas l-asimmetrija tal-informazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament u l-investituri, jenħtieġ li l-investituri jiġu pprovduti bl-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-kompożizzjoni tal-portafoll, inklużi l-proġetti fejn jiġu investiti l-fondi tagħhom, kif ukoll il-kwalità tas-self li jiffinanzja dawn il-proġetti. Jenħtieġ li dan jippermetti lill-investituri jifhmu u jqabblu aħjar il-prestazzjoni u l-livell ta' riskju ta' portafolli differenti, kemm jekk offruti fuq l-istess pjattaforma jew fuq pjattaformi alternattivi.
- (3) L-investituri mhumiex esposti biss għal riskji marbuta mal-proġetti jew mas-self li fihom jiġu investiti l-fondi tagħhom, imma anki għall-mod kif il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jivvaluta r-riskju ta' dak is-self u dawk il-proġetti u kif dak il-fornitur jimmaniġġja l-għażla tas-self għall-portafoll. F'dan ir-rigward, it-twertiq ta' testijiet tal-istress fuq l-analiżi tal-portafoll u tas-sensittività fuq is-selfa individwali u d-detentur tal-proġett individwali jista' jkun partikolarment effettiv biex jipprovi valutazzjoni profonda u kompluta tal-investimenti. Għalhekk huwa xieraq li, meta l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv iwettaq tali testijiet tal-istress, ir-riżultati ta' dawn l-analiżijiet jiġu żvelati lill-investituri.

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.10.2020, p.1.

- (4) Sabiex tiġi żgurata trasparenza effettiva, l-informazzjoni dwar l-elementi li għandhom jiġu inklużi mill-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv fil-metodu użat biex jitwettqu l-valutazzjonijiet tar-riskju tal-kreditu jenħtieġ li tiġi żvelata kif xieraq. Din tippermetti lill-investituri jifhmu jekk il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jiħdux approċċ adegwat u prudenzjali fil-proċess tal-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-proġetti li jkunu qed jiġu ffinanzjati, l-affordabilità tas-self għad-detenturi tal-proġett, u l-kompożizzjoni tas-self individwali f'portafoll strutturat.
- (5) Jista' jagħti l-każ li fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jagħmel użu minn fond ta' kontinġenza ddedikat biex jikkumpensa lill-investituri għat-telf li dawk l-investituri jistgħu jġarrbu f'każ li d-detenturi tal-proġetti ma jħallsux lura s-self tagħhom. L-investituri jridu jiġu informati li s-sempliċi eżistenza ta' tali fond ta' kontinġenza ma tipprovdix garanzija li l-investment jista' jitqies bħala mingħajr riskju u li se jiġu rimborżati f'każ li s-selva li jkunu ffinanzjaw tkun inadempjenti, billi hemm diskrezzjoni assoluta min-naħa tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv biex jiddeċiedi dwar kwalunkwe pagament. Sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-investituri, huwa importanti li l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv ikollhom fis-seħħ politiki u arranġamenti ta' governanza xierqa meta jimmaniġġjaw, jew direttament jew permezz ta' fornitur terz, fondi ta' kontinġenza.
- (6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji żviluppatti mill-EBA f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u ppreżentati lill-Kummissjoni.
- (7) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>.
- (8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> u ta l-opinjoni tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

### Dispożizzjonijiet Ġenerali

#### *Artikolu 1*

#### **Preċiżjoni u affidabbiltà tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-investituri**

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta lill-investituri skont l-Artikolu 6(2) u (4) tar-Regolament (UE) 2020/1503 tkun preċiża, affidabbli u tinżamm aġġornata regolarment.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jiżguraw li:
  - (a) id-*data* użata biex jitwettqu l-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja msemmija fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament tkun konsistenti, kompluta u xierqa;
  - (b) it-tekniki tal-kejl ikunu xierqa għall-kumplessità u għal-livell tar-riskji sottostanti għall-proġetti uniċi u/jew għall-portafolli ta' proġetti ta' finanzjament kollettiv, ikunu bbażati fuq *data* affidabbli, u jkunu soġġetti għal validazzjoni perjodika; u
  - (c) il-proċeduri relatati mal-ġestjoni tad-*data* huma robusti, dokumentati sew, affidabbli u aġġornati regolarment.

## *Artikolu 2*

### **Format tal-informazzjoni li għandha tiġi żvelata**

1. Għall-finijiet tal-Kapitolu II, l-informazzjoni pprovduta lill-investituri għandha tkun faċilment disponibbli f'taqsimi ddedikata tas-sit web tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, li tista' tintgħaraf b'mod ċar mill-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.
2. Għall-finijiet tal-Kapitolu III, l-informazzjoni pprovduta lill-investituri individwali dwar il-portafoll tagħhom ta' self għandha tkun disponibbli fuq paġna sigura tas-sit web tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv li għandha tkun aċċessibbli permezz ta' mezz adegwat ta' identifikazzjoni personali.
3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi ppreżentata b'mod li jaġevola l-qari u espressa b'mod u bl-użu ta' lingwaġġ li jiffaċilita l-fehim tagħha. Fejn jista' jintuża kliem ordinarju għandhom jiġu evitati termini tekniċi u, meta jintużaw, dawn għandhom ikunu spjegati.

## **KAPITOLU II**

### **Elementi, inkluż il-format, li għandhom jiġu inklużi fid-deskrizzjoni tal-metodu għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu**

## *Artikolu 3*

### **Riskju ta' kreditu ta' proġetti individwali ta' finanzjament kollettiv**

Id-deskrizzjoni pprovduta lill-investituri tal-metodu biex jiġi vvalutat ir-riskju ta' kreditu ta' proġetti individwali ta' finanzjament kollettiv f'portafoll, kif imsemmija fl-Artikolu 6(2)(a) tar-Regolament (UE) 2020/1503, għandu jkun fiha l-elementi kollha li ġejjin:

- (a) il-kriterji u l-indikaturi finanzjarji ewlenin użati biex jiġu stabbiliti l-fattibbiltà u s-sostenibbiltà tal-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju tal-proġetti individwali ta' finanzjament kollettiv;
- (b) analiżi tal-flussi ta' flus mistennija tal-proġetti ta' finanzjament kollettiv u valutazzjoni ta' kif ċerti flussi ta' flus mistennija huma fuq orizzonti ta' żmien differenti;

- (c) analiżi tal-karatteristiċi, inkluż il-grad ta' kompetizzjoni, tal-qasam ta' negozju li fih joperaw id-detenturi tal-proġett;
- (d) valutazzjoni tal-għarfien, tal-esperjenza, tar-reputazzjoni u tal-kapaċità tad-detenturi tal-proġett biex jimmaniġġjaw l-attivitajiet ta' negozju fis-settur speċifiku tal-proġett;
- (e) il-proċeduri rigward l-aċċettazzjoni u r-rikonossiment ta' kollateral jew garanzija u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, jekk rilevanti;
- (f) it-tip tal-iskeda ta' ħlas lura għas-selva u l-frekwenza tal-pagamenti parzjali;
- (g) il-proċeduri biex kull selva assoċjata ma' proġett tiġi assenjata għal kategorija ta' riskju xierqa kif definit fil-qafas ta' ġestjoni tar-riskju;
- (h) is-sors u t-tip ta' *data* użata għall-finijiet tal-punti (a) sa (g).

#### *Artikolu 4*

#### **Riskju ta' kreditu fil-livell ta' portafoll tal-investitur**

1. Id-deskrizzjoni pprovdata lill-investituri tal-metodu biex jiġi vvalutat ir-riskju ta' kreditu fil-livell tal-portafoll tal-investitur kif imsemmi fl-Artikolu 6(2)(b) tar-Regolament (UE) 2020/1503 għandu jkun fiha spjegazzjoni ta' kif jitqiesu l-elementi li ġejjin fil-proċess ta' kompożizzjoni ta' portafoll:
  - (a) id-distribuzzjoni tas-selva f'konformità mal-maturità tagħhom fl-istess portafoll;
  - (b) ir-rata tal-imgħax għal kull selva tal-istess portafoll;
  - (c) is-sehem tas-selva f'portafoll uniku mogħti lill-istess detentur tal-proġett jew lil grupp ta' detenturi tal-proġetti konnessi;
  - (d) is-sehem tas-selva f'portafoll uniku mogħti lil detenturi tal-proġetti stabbiliti jew li joperaw fl-istess ġurisdizzjoni jew żona ġeografika;
  - (e) is-sehem tas-selva f'portafoll uniku mogħti lil detenturi tal-proġetti li joperaw fl-istess settur tan-negozju;
  - (f) is-sehem tas-selva assenjat għall-istess kategorija ta' riskju;
  - (g) il-metodu użat biex tiġi evalwata l-korrelazzjoni tar-riskji fl-istess portafoll.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(c), grupp ta' detenturi tal-proġetti konnessi għandu jfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
  - (a) żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew aktar li jikkostitwixxu riskju wieħed għax waħda minnhom, direttament jew indirettament, għandha kontroll fuq l-oħra jew l-oħrajn;
  - (b) żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew aktar għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu riskju wieħed minħabba li huma tant interkonnessi li, jekk waħda minnhom kellha tesperjenza problemi finanzjarji, l-oħra jew l-oħrajn kollha x'aktarx li jiltaqgħu wkoll ma' diffikultajiet ta' finanzjament jew ta' ħlas lura.
3. Fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv li jirreklama rata fil-mira speċifika ta' redditu fuq l-investment għal portafoll għandu jiżvela l-proċedura użata biex jintgħażel is-selva individwali li għandu jiġi inkluż fil-portafoll.

## Artikolu 5

### Riskju ta' kreditu tad-detenturi tal-proġetti

1. Id-deskrizzjoni pprovduta lill-investituri tal-metodu użat biex jiġi vvalutat ir-riskju ta' kreditu tad-detenturi tal-proġett kif imsemmija fl-Artikolu 6(2)(c) tar-Regolament (UE) 2020/1503, għandu jkun fiha l-elementi kollha li ġejjin:
  - (a) il-proċeduri għall-approvazzjoni tal-kreditu u l-proċessi ta' monitoraġġ;
  - (b) il-proċeduri biex jiġi ddeterminat il-punteġġ tal-kreditu tad-detentur tal-proġett, jekk applikabbli;
  - (c) il-proċeduri għall-użu ta' klassifikazzjonijiet esterni għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' detentur tal-proġett;
  - (d) il-proċeduri rigward l-aċċettazzjoni u r-rikonoxximent ta' kollateral jew garanzija u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, jekk rilevanti;
  - (e) il-proċeduri u d-*data* użati għall-valutazzjoni tal-istorja finanzjarja tad-detentur tal-proġett u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każ li d-detentur tal-proġett jonqos milli jipprovi l-informazzjoni meħtieġa jew jirrifjuta li jagħmel dan.

## Artikolu 6

### L-użu ta' mudelli

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 6(2), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2020/1503, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jipprovdu informazzjoni adegwata dwar il-mudelli inklużi fil-metodu użat għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-proġetti ta' finanzjament kollettiv, għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tad-detenturi tal-proġetti, għall-approvazzjoni tal-kreditu u l-proċessi ta' monitoraġġ, u għall-kompożizzjoni tal-portafolli, inkluż dan kollu li ġej:
  - (a) is-sors tad-*data* użata bħala input għall-mudelli;
  - (b) il-qafas użat biex tiġi żgurata l-kwalità tad-*data* tal-input;
  - (c) l-eżistenza ta' arranġamenti ta' governanza xierqa għat-tfassil u l-użu ta' tali mudelli;
  - (d) il-qafas biex jiġi żgurat li l-kwalità tal-output tal-mudell tiġi vvalutata u vvalidata regolarment, u fejn xieraq, analizzata.
2. Meta jintużaw mudelli awtomatizzati bħala parti mill-metodu għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu ta' proġetti ta' finanzjament kollettiv, fil-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tad-detenturi tal-proġett, fl-approvazzjoni ta' kreditu u l-proċessi ta' monitoraġġ, jew fil-kompożizzjoni tal-portafolli, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jiżvelaw dan kollu li ġej:
  - (a) kif l-użu ta' mudelli awtomatizzati huwa xieraq għad-daqs, għan-natura u għall-kumplessità tat-tipi ta' proġetti ta' finanzjament kollettiv magħżula għall-portafoll tal-investitur;
  - (b) il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati fl-approvazzjoni tal-kreditu u fil-proċessi ta' monitoraġġ, inkluż l-identifikazzjoni ta' self, segmenti u limiti li għalihom huwa permess it-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati.

## *Artikolu 7*

### **Informazzjoni dwar l-ittestjar tal-istress u l-analiżi tas-sensittività**

Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv li jwettqu testijiet tal-istress u eżerċizzji ta' analiżi tas-sensittività għandhom jipprovdu lill-investituri informazzjoni dwar dan kollu li ġejjin:

- (a) fil-livell tas-selva unika u tad-detentur tal-proġett uniku, kwalunkwe analiżi tas-sensittività mwettqa biex tirrifletti events futuri tas-suq u idjosinkratiċi potenzjalment negattivi li huma rilevanti għat-tip u għall-iskop tas-selva;
- (b) fil-livell tal-portafoll, il-proċeduri u s-sistemi ta' informazzjoni għall-ittestjar tal-istress li jitwettqu biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tal-portafoll matul iċ-ċiklu ekonomiku u f'xenarji differenti.

## **KAPITOLU III**

### **Informazzjoni li trid tiġi pprovduta dwar kull portafoll individwali**

## *Artikolu 8*

### **Kalkolu tar-rata tal-imgħax annwali medja ponderata**

1. Għall-kalkolu tar-rata tal-imgħax annwali medja ponderata fuq is-self f'portafoll kif imsemmi fl-Artikolu 6(4)(b) tar-Regolament (UE) 2020/1503, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jikkalkulaw il-medja, ponderata għall-ammont pendenti ta' self f'portafoll, tar-rata tal-imgħax annwali ta' kull selva li l-portafoll huwa magħmul minnha.
2. Sabiex jikkalkulaw ir-rata tal-imgħax annwali medja ponderata msemmija fil-paragrafu 1, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jiżguraw dan kollu li ġej:
  - (a) li d-denominatur jikkonsisti fis-somma tal-ammont nozzjonali ta' kull selva inkluża fil-portafoll;
  - (b) li n-numeratur jikkonsisti fis-somma tal-prodotti ta':
    - (i) l-ammont nozzjonali ta' kull selva;
    - (ii) ir-rata tal-imgħax annwali ta' kull selva inkluża fil-portafoll;
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2(b)(ii), ir-rata tal-imgħax annwali għandha tikkorrispondi għal xi waħda minn dawn li ġejjin:
  - (a) fil-każ ta' rata tal-imgħax fissa, ir-rata tal-imgħax annwali kif stabbilita fil-kuntratt tas-self;
  - (b) fil-każ ta' rata varjabbli, ir-rata tal-imgħax fis-seħħ fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-medja ponderata tar-rata tal-imgħax annwali, b'kont meħud ta' kwalunkwe limitu massimu kif stabbilit fil-kuntratt tas-self;
  - (c) f'każijiet fejn is-selva tinqasam f'segmenti b'rati tal-imgħax differenti, il-medja ponderata tar-rati tal-imgħax kif stabbilit fil-kuntratt tas-selva.

## *Artikolu 9*

### **Distribuzzjoni tas-self skont il-kategorija ta' riskju**

1. Għall-kalkolu tad-distribuzzjoni ta' self skont il-kategorija ta' riskju, f'numri assoluti u bħala perċentwal, kif imsemmi fl-Artikolu 6(4)(c) tar-Regolament (UE) 2020/1503, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jiżguraw li kull selfa individwali tiġi assenjat lill-kategorija ta' riskju rilevanti stabbilita fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskju fuq il-bażi ta' kriterji sodi u definiti sew, kif imsemmi fl-Artikolu 4(4)(f) tar-Regolament (UE) 2020/1503, u kif speċifikat f'konformità mal-Artikolu 19(7)(d) ta' dak ir-Regolament.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, u għal kull kategorija ta' riskju, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) id-distribuzzjoni ta' self skont il-kategorija ta' riskju f'numri assoluti għandha tirreferi għas-somma tal-ammont nozzjonali ta' kull selfa fl-istess kategorija ta' riskju.
  - (b) id-distribuzzjoni ta' self skont il-kategorija ta' riskju bħala perċentwal għandha tirreferi għall-proporzjon bejn:
    - (i) is-somma tal-ammont nozzjonali ta' kull selfa fl-istess kategorija ta' riskju;
    - (ii) l-ammont nozzjonali totali tas-self kollu fil-portafoll.
3. Għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni lill-investituri, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jistabbilixxu u jżommu politiki u proċeduri ċari u effettivi għall-ispeċifikazzjoni tal-kategoriji ta' riskju.

## *Artikolu 10*

### **Informazzjoni ewlenija għal kull selfa inkluża fil-portafoll**

1. L-informazzjoni ewlenija għal kull selfa li minnha huwa magħmul portafoll imsemmija fl-Artikolu 6(4)(d) tar-Regolament (UE) 2020/1503 għandu jkun fiha dan kollu li ġej:
  - (a) l-ammont tas-selfa, inkluż il-bilanċ pendenti l-aktar reċenti;
  - (b) il-munita li fiha tingħata s-selfa;
  - (c) l-entità responsabbli għall-ġhoti ta' service b'rabta mas-selfa, inkluż l-isem ġuridiku, in-numru ta' reġistrazzjoni u l-post tar-reġistrazzjoni tagħha, l-uffiċċju rreġistrat u d-dettalji ta' kuntatt, u l-politika tagħha tal-ġhoti ta' service;
  - (d) l-identità tad-detentur tal-proġett, inkluża l-indikazzjoni tal-isem ġuridiku tiegħu, il-pajjiż tal-inkorporazzjoni u n-numru tar-reġistrazzjoni, l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat u s-sit web korporattiv;
  - (e) l-istruttura tas-sjieda tad-detentur tal-proġett;
  - (f) l-iskop tas-selfa, billi tiżdied deskrizzjoni qasira tal-proġett ta' finanzjament kollettiv;
  - (g) ir-rata tal-imġax jew kwalunkwe kumpens ieħor stipulat fis-selfa, għal kull sena sal-maturità, u jekk ir-rata tal-imġax jew kwalunkwe kumpens ieħor ma jkunx disponibbli, il-metodu tal-kalkolu;

- (h) id-data ta' maturità tas-selfa;
  - (i) il-kategorija ta' riskju rilevanti li għaliha tiġi assenjata s-selfa f'konformità mal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju msemmi fl-Artikolu 4(4)(f) tar-Regolament (UE) 2020/1503;
  - (j) l-iskeda ta' ħlas lura tal-kapital u għall-ħlas tal-imgħax fuq is-selfa;
  - (k) il-konformità tad-detentur tal-proġett mal-iskeda tal-ħlas parzjali tas-selfa billi jiġi indikat kwalunkwe ħlas wara d-data tal-għeluq jew kwalunkwe inadempjenza kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) xxx/XXX [C(2022) 4830]<sup>4</sup>;
  - (l) il-perċentwal tal-ammont tal-proġett ta' finanzjament kollettiv li qed jiġi ffinanzjat mill-investitur permezz tas-selfa, espress bħala l-proporzjon bejn:
    - (i) l-ammont nozzjonali tas-selfa;
    - (ii) l-ammont totali tal-proġett ta' finanzjament kollettiv.
2. L-informazzjoni pprovduta għal kull selfa inkluża f'portafoll għandha tirrapporta jekk detentur tal-proġett għandux aktar minn proġett ta' finanzjament kollettiv wieheċ fis-seħħ iffinanzjat permezz ta' kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, u trid tingħata l-informazzjoni kollha li ġejja:
- (a) it-tip ta' offerta u l-istrument użat għall-finanzjament tal-proġett;
  - (b) id-data tat-tlestija (fil-passat jew mistennija);
  - (c) l-ammont nozzjonali li d-detentur tal-proġett qed jissellef;
  - (d) informazzjoni rilevanti oħra, inklużi l-obbligi finanzjarji u l-obbligazzjonijiet kontinġenti l-oħra kollha.
3. Il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandu jirrikjedi li d-detentur tal-proġett jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.
4. Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jieħdu passi xierqa biex jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta mid-detenturi tal-proġetti f'konformità mal-paragrafu 3 tkun preċiża, affidabbli u aġġornata.

### *Artikolu 11*

#### **Informazzjoni dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 6(4)(e) tar-Regolament (UE) 2020/1503, “miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju” għandha tfisser teknika użata minn detentur tal-proġett biex jitnaqqas ir-riskju ta' kreditu assoċjat ma' selfa, li jista' jkollha waħda mill-forom li ġejjin:
- (a) “protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu”, li tfisser teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju fejn it-tnaqqis tar-riskju tal-kreditu assoċjat ma' selfa jirriżulta mid-dritt tal-investitur, f'każ ta' inadempjenza tas-selfa jew jekk iseħħu events ta' kreditu speċifiċi oħra relatati mal-proġett jew mad-detentur tal-proġett, li jillikwida jew

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) xx/xx [C(2022) 4830] ta' xxx li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-kalkolu tar-rati ta' inadempjenza ta' self offrut fuq pjattaforma ta' finanzjament kollettiv (ĠU L XX, jj.xx.ssss, p. x). [UP, imlew kif xieraq.]

jikseb trasferiment jew approprjazzjoni ta' ċerti assi jew ammonti, jew li jzomhom, jew li jnaqqas l-ammont tas-selva;

- (b) "protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata", li tfisser teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju fejn it-tnaqqis tar-riskju ta' kreditu assoċjat ma' selva jirriżulta mill-obbligu ta' parti terza li tħallas ammont f'każ ta' inadempjenza tas-selva jew jekk iseħħu events ta' kreditu speċifiċi oħra relatati mal-proġett jew mad-detentur tal-proġett.
2. Jekk self jiġi ggarantit minn "protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu" kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha li ġejja:
    - (a) it-tip ta' assi(jiet);
    - (b) il-valwazzjoni l-aktar reċenti ta' tali assi(jiet) u l-ammont(i) li jistgħu jiġu likwidati, trasferiti, miżmuma jew approprjati;
    - (c) il-metodu ta' valwazzjoni;
    - (d) il-proporzjon bejn l-ammont imsemmi fil-punt (b) u l-ammont nozzjonali totali tas-selva, espress bħala perċentwal.
  3. Jekk self jiġi ggarantit minn "protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata" kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandu jipprovdi, bħala minimu, l-informazzjoni kollha li ġejja:
    - (a) l-isem, l-indirizz u n-natura legali tal-parti terza li taġixxi bħala fornitur jew garanti tal-protezzjoni;
    - (b) il-proporzjon bejn:
      - (i) l-ammont nozzjonali tas-selva kopert mill-parti terza;
      - (ii) l-ammont nozzjonali totali tas-selva, espress bħala perċentwal.
  4. Għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jiżguraw dan kollu li ġej:
    - (a) li l-eliġibbiltà u l-valwazzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju tiġi vvalutata f'konformità ma' politiki u proċeduri adegwati fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, kif imsemmi fl-Artikolu 4(4)(f) tar-Regolament (UE) 2020/1503 u kif speċifikat f'konformità mal-Artikolu 19(7)(d) ta' dak ir-Regolament;
    - (b) li l-valwazzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju tqis il-kostijiet kollha tad-disponiment li jirriżultaw mill-kisba u l-bejgħ tal-kollateral.

## *Artikolu 12*

### **Informazzjoni dwar inadempjenzi fuq ftehimiet ta' kreditu mid-detentur tal-proġett**

1. Sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 6(4)(f) tar-Regolament (UE) 2020/1503, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jeżiġu li d-detenturi tal-proġetti jipprovdu informazzjoni dwar l-inadempjenzi li seħħew skont il-ftehimiet ta' kreditu fl-aħħar 5 snin.
2. Meta "ftehim ta' kreditu" jirreferi għal ftehim li bih investitur jagħti kreditu lil detentur tal-proġett fil-forma ta' selva għal proġett ta' finanzjament kollettiv speċifiku, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “inadempjenza” tfisser “inadempjenza” kif definit fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Delegat (UE) xxx/XXX *[C(2022) 4830]*;
  - (b) “ftehim ta’ kreditu” tfisser ftehim li bih investitur jagħti kreditu lil detentur tal-proġett fil-forma ta’ selfa għal proġett ta’ finanzjament kollettiv speċifiku.
3. L-informazzjoni dwar l-inadempjenzi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata mid-detentur tal-proġett lill-fornitur ta’ servizzi ta’ finanzjament kollettiv fil-każijiet kollha:
- (a) fil-punt tal-oriġinazzjoni tas-self;
  - (b) immedjatament wara li jseħħ event ta’ inadempjenza;
  - (c) sad-data ta’ maturità tal-ftehim ta’ kreditu inkluż fil-portafoll.
4. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ finanzjament kollettiv għandhom jieħdu passi xierqa biex jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta mid-detenturi tal-proġetti f’konformità mal-paragrafi 2 u 3 tkun preċiża, affidabbli u aġġornata.
5. Jekk “ftehim ta’ kreditu” jkun ifisser kwalunkwe strument finanzjarju kif definit fl-Artikolu 4(1)(50) tar-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup>, u ma tkunx disponibbli informazzjoni dwar inadempjenzi passati, il-fornituri ta’ servizzi ta’ finanzjament kollettiv għandhom jeżiġu li d-detenturi tal-proġetti jipprovdu l-informazzjoni kollha li ġejja għall-aħħar 5 snin:
- (a) jiem wara d-data tal-għeluq;
  - (b) ammont ta’ arretrati
6. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ finanzjament kollettiv għandhom jiżvelaw lill-investituri jekk is-sors tal-informazzjoni msemmi fil-paragrafi 2 u 5 huwiex inkluż f’wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin u jispeċifikaw liema:
- (a) dikjarazzjoni għuramentata mid-detentur tal-proġett;
  - (b) informazzjoni disponibbli fir-reġistri ta’ kreditu;
  - (c) informazzjoni disponibbli pubblikament, inkluż minn kumpaniji tal-ġbir tad-dejn jew aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu;
  - (d) tip ieħor ta’ informazzjoni.
7. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ finanzjament kollettiv għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jiżguraw dan kollu li ġej:
- (a) li l-informazzjoni pprovduta mid-detenturi tal-proġetti f’konformità mal-paragrafu 5 tkun preċiża, affidabbli u aġġornata;
  - (b) li l-iżvelar tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 lill-investituri ikun f’konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

### Artikolu 13

#### **Informazzjoni dwar tariffi mħallsa fir-rigward tas-selva mill-investitur, mill-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jew mid-detentur tal-proġett**

L-informazzjoni dwar it-tariffi mħallsa fir-rigward ta' self kif imsemmi fl-Artikolu 6(4)(g) tar-Regolament (UE) 2020/1503 għandu jkun fiha dan kollu li ġej:

- (a) il-persuna fiżika jew ġuridika li tħallas it-tariffi, inkluż jekk dik il-persuna hijiex l-investitur, il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, id-detentur tal-proġett, jew parti terza;
- (b) l-ammont monetarju tat-tariffi;
- (c) il-persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi t-tariffi, inkluż jekk dik il-persuna tkunx il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jew, f'każ li l-funzjonijiet operazzjonali jiġu esternalizzati, parti terza;
- (d) kwalunkwe servizz remunerat b'tariffi, inklużi tariffi ta' abbonament, tariffi ta' ġestjoni, tariffi għal proċessi ta' ġbir ta' dejn u tariffi ta' ħruġ;
- (e) il-metodu ta' kalkolu għat-tariffi, inkluż jekk l-ammont tat-tariffi jirrappreżentax perċentwal tal-ammont nozzjonali tas-selva jew kwalunkwe varjabbli ieħor, jew ammont fiss;
- (f) l-iskeda ta' ħlasijiet tat-tariffi.

### Artikolu 14

#### **Informazzjoni dwar il-valwazzjoni tas-selva**

1. Għal kull selfa individwali, il-valwazzjoni tas-selva msemmija fl-Artikolu 6(4)(h) għandha tirrifletti r-redditu reali probabbli, iddefinit bħala r-redditu annwali skontat fuq l-investment mistenni mill-investitur f'data ta' valwazzjoni partikolari, fuq il-bażi tal-aktar informazzjoni reċenti disponibbli.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-kalkolu tar-redditu attwali probabbli għandu jkun ibbażat fuq l-informazzjoni kollha li ġejja:
  - (a) ir-rata tal-imgħax jew kwalunkwe kumpens ieħor stabbilit fis-selva;
  - (b) ir-rendiment sal-maturità;
  - (c) l-applikazzjoni ta' kwalunkwe tariffa kif imsemmija fl-Artikolu 6(4)(g) tar-Regolament (UE) 2020/1503;
  - (d) ir-rati ta' inadempjenza mistennija, iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat xxx/XXX [C(2022) 4830];
  - (e) kwalunkwe kostijiet oħra mħallsa mid-detentur tal-proġett jew mill-investitur jew mill-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv fir-rigward tas-selva.
3. Il-valwazzjoni tas-selva kif imsemmija fl-Artikolu 6(4)(h) tar-Regolament (UE) 2020/1503 għandha tinkludi l-valwazzjoni tal-portafoll li fih hija inkluża s-selva, espressa bħala l-proporzjon bejn dawn li ġejjin:
  - (a) in-numeratur li jinkiseb bis-somma tal-prodotti ta':
    - (i) l-ammont nozzjonali ta' kull selfa fil-portafoll;
    - (ii) ir-redditu attwali probabbli rispettiv ta' kull selfa li minnha huwa magħmul il-portafoll

- (b) id-denominatur li jinkiseb bis-somma tal-ammont nozzjonali ta' kull selfa li minnha huwa magħmul il-portafoll

## **KAPITOLU IV**

### **Politiki, proċeduri u arranġamenti organizzattivi meħtieġa fir-rigward tal-fondi ta' kontinġenza**

#### *Artikolu 15*

##### **Rekwiżiti ġenerali**

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv li stabbilew u joperaw fond ta' kontinġenza għall-attivitajiet tagħhom relatati mal-immaniġġjar ta' portafolli individwali ta' self għandu jkollhom fis-seħħ politiki u proċeduri adegwati u arranġamenti ta' organizzazzjoni biex jiżguraw li l-fond ta' kontinġenza jiġi mmaniġġjat b'mod prudenti u jkun jista' jissodisfa l-oġettivi tiegħu.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-politiki, il-proċeduri u l-arranġamenti organizzazzjonali relatati mal-fond ta' kontinġenza għandhom jiġu approvati mill-korp maniġerjali tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u għandhom ikunu bil-miktub, aġġornati, u dokumentati sew.

#### *Artikolu 16*

##### **Arranġamenti ta' organizzazzjoni**

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jiżguraw struttura organizzazzjonali u operazzjonali robusta u trasparenti għal kwalunkwe fond ta' kontinġenza li jaf ikollhom u għandu jkollhom deskrizzjoni bil-miktub tagħha.
2. Il-korp maniġerjali tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza u ta' organizzazzjoni tal-fond ta' kontinġenza.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-membri kollha tal-korp maniġerjali tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv;
  - (a) għandu jkollhom għarfien sħiħ tal-istruttura legali, organizzattiva u operazzjonali tal-fond ta' kontinġenza u jiżguraw li dik l-istruttura tkun konformi mal-għanijiet approvati tagħha;
  - (b) għandhom ikunu konxji għalkollox tal-istruttura, tar-responsabbiltajiet u tad-diviżjoni tal-kompiti fil-fond ta' kontinġenza.
4. L-istruttura organizzazzjonali tal-fond ma għandhiex timpedixxi l-kapaċità tal-korp maniġerjali li jidentifika, jissorvelja u jimmaniġġja b'mod effettiv ir-riskji li se jiffaċċa l-fond b'riżultat tal-operazzjonijiet tiegħu.

#### *Artikolu 17*

##### **Politika ta' governanza**

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandu jkollhom politika ta' governanza biex jirregolaw il-fond ta' kontinġenza. Dik il-politika għandha tiżgura li l-arranġamenti ta' governanza, il-proċessi u l-mekkaniżmi interni jkunu konsistenti,

integrati sew u adegwati biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-fond ta' kontinġenza.

2. Il-politika ta' governanza msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-elementi u l-informazzjoni kollha li ġejjin:
  - (a) l-iskop tal-fond ta' kontinġenza;
  - (b) l-istruttura legali u operazzjonali tal-fond ta' kontinġenza, inkluż jekk huwiex operat mill-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv innifsu jew minn parti terza;
  - (c) id-durata tal-fond ta' kontinġenza, inklużi każijiet li fihom il-fond għandu terminu mhux limitat.
3. F'każ li l-fond ta' kontinġenza jitħaddem minn parti terza, il-politika ta' governanza msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi wkoll dan kollu li ġej:
  - (a) il-kompożizzjoni tal-korp manidgerjali tal-fond ta' kontinġenza;
  - (b) ir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet tal-korp manidgerjali tal-fond ta' kontinġenza;
  - (c) deskrizzjoni tal-kompetenzi u l-ħiliet ta' kull membru tal-korp manidgerjali tal-fond ta' kontinġenza;
  - (d) il-frekwenza tal-laqgħat tal-korp manidgerjali tal-fond ta' kontinġenza;
  - (e) l-obbligi ta' rapportar bejn il-korp manidgerjali tal-fond ta' kontinġenza u l-korp manidgerjali tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv;
  - (f) ir-responsabbiltajiet għad-dokumentazzjoni, għall-manidgment u għall-kontroll tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni;
  - (g) l-identifikazzjoni ta' membru wieħed jew iżjed tal-persunal superjuri li huwa kontabbli direttament għall-korp manidgerjali tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u responsabbli għall-ġestjoni u għas-sorveljanza tar-riskji tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, inkluża d-dokumentazzjoni rispettiva.

### *Artikolu 18*

#### **Politika ta' finanzjament**

1. Il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandu jkollu politika ta' finanzjament biex jiddetermina kif il-fond ta' kontinġenza jiġi ffinanzjat u kif jiġu ġestiti r-rikavati miġbura.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-politika ta' finanzjament imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-elementi u l-informazzjoni kollha li ġejjin:
  - (a) kwalunkwe kontribuzzjoni inizjali magħmula mill-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv fil-fond ta' kontinġenza;
  - (b) it-tip ta' tariffi miġbura sabiex jiġi akkumulat il-fond ta' kontinġenza;
  - (c) il-kriterji li jqis il-manidgment tal-fond ta' kontinġenza meta jiddeċiedi dwar it-tip ta' tariffi li se jiġu imposti;
  - (d) il-kriterji li jqis il-manidgment tal-fond ta' kontinġenza meta jiddeċiedi l-ammont ta' tariffi li se jiġu imposti għal kull selfa;

- (e) il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet għad-determinazzjoni tal-ammont u tan-natura tat-tariffi li se jiġu imposti;
- (f) l-istrateġija ta' investiment adottata mill-fond ta' kontinġenza għall-investiment tal-fondi mmaniġġjati;
- (g) is-sjieda legali tal-fondi;
- (h) kif il-fondi se jitħallsu f'każ ta' maturità tal-fond ta' kontinġenza;
- (i) kif il-fondi jiġu segregati minn assi oħra li huma fil-pussess tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv;
- (j) kif il-flus imħallsa fil-fond ta' kontinġenza jiġu ttrattati fil-każ ta' insolvenza tal-operatur tal-fond ta' kontinġenza.

#### *Artikolu 19*

#### **Politika ta' żborż**

Il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandu jkollu politika li tiddetermina kif l-elementi kollha li ġejjin jiġu kkunsidrati fid-deċiżjoni dwar l-iżborż lill-investituri mill-fond ta' kontinġenza:

- (a) bilanċ aġġornat tal-fondi disponibbli;
- (b) is-sehem tas-self li jkun sar inadempjenti f'portafoll speċifiku;
- (c) ir-rati tal-imgħax u l-maturità tas-self li jkun sar inadempjenti f'portafoll partikolari;
- (d) il-proċedura li trid tiġi segwita meta jiġi kkunsidrat jekk għandux isir pagament diskrezzjonali mill-fond ta' kontinġenza;
- (e) iċ-ċirkostanzi li fihom il-fond ta' kontinġenza jista' jiġi attivat għall-ħlas;
- (f) il-kriterji li jridu jiġu kkunsidrati fil-każ ta' pretensjonijiet li jikkompetu jew simultanji ta' investituri fuq l-istess self inadempjenti.

#### *Artikolu 20*

#### **Politika għall-kontinwità tal-operat**

Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jistabbilixxu politika ta' kontinwità tan-negozju soda għall-fond ta' kontinġenza biex jiżguraw il-kapaċità tiegħu li jopera fuq bażi kontinwa u biex jillimitaw it-telf possibbli f'każ ta' falliment temporanju jew definittiv.

#### *Artikolu 21*

#### **Trasparenza u żvelar lill-investituri**

1. Il-korp maniġerjali tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandu jinforma u jaġġorna lill-persunal tiegħu dwar il-politiki u l-proċeduri tal-fond ta' kontinġenza b'mod ċar u konsistenti, tal-anqas sal-livell meħtieġ biex jitwettqu d-dmirijiet tal-fond ta' kontinġenza.
2. Il-politiki, il-proċeduri u l-arranġamenti organizzattivi li l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandu jkollu f'konformità mal-Artikolu 6(7)(c) tar-Regolament (UE) 2020/1503 għandhom jiġu riflessi b'mod konsistenti fil-politika tal-fond ta' kontinġenza msemmija fl-Artikolu 6(5)(b) ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 22*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13.7.2022

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*